**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**
**(Spettur Malcolm Bondin)**
**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs.**

**Brian Sammut**

Numru: 835/2011

Illum 16 ta' Mejju 2019

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba kontra l-imputat **Brian Sammut**, ta' tnejn u ghoxrin (22) sena, iben Anthony u Carmen neé Zarb, imwieled Pietà nhar l-14 ta' Awwissu 1988, residenti Flat 17, Sancho Panza, Triq l-Isqof, F.S. Caruana, Msida, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 370588(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fid-19 ta' Lulju 2011 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

[1] *A fol.* 3 u 4.

a) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu mhux ghal-uzu eskluzziv tieghu;

b) kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

c) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

d) kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*mephedrone*) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

e) ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club*, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. S. Demicoli LL.D. nhar it-12 ta' Gunju 2008, liema decizjoni saret definittiva.

Il-Qorti giet mitluba li, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "PG 1" – *a fol.* 7) datat 20 ta' Lulju 2011 *ai termini* ta' Artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (Dok. "PG 2" – *a fol.* 8) datat 20 ta' Lulju 2011 *ai termini* ta' Artikolu 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Professjonijiet Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha ordna li l-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Ordinanza.

Rat il-Process Verbal bin-Numru 600/11 redatt mill-Magistrat Dr. Gabriella Vella li jirrigwarda sejba ta' droga gewwa l-fond Flat 17, "Sancho Panza", Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida nhar id-19 ta' Lulju 2011 (*a fol.* 34 *et seq.*)

Rat il-Kontro-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 258) datat 11 ta' Awwissu 2014 fejn, bis-sahha ta' Artikolu 31 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta) u ta' Artikolu 120A(2C) tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta), baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat illi, fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2015 (*a fol.* 269), id-difiza talbet, quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta, li jigi nvokat Artikolu 8 tal-Att Numru 1 tas-sena 2015 (fis-sens li l-Qorti tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga).

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mill-Prim'Imhallef Emeritus Silvio Camilleri(*a fol.* 274 *et seq.*).

Semghet, fis-seduti tad-9 ta' Dicembru 2015 (*a fol.* 291) u tal-1 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 292), lill-Prosekuzzjoni u lid-difiza jezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2016 (*a fol.* 293) lid-difiza titlob, quddiem din il-Qorti kif preseduta, li jigi applikat l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, fil-15 ta' Marzu 2017, din il-Qorti tat Digriet fejn laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi kkonvertita f'Qorti dwar id-Droga (*a fol.* 309 *et seq.*).

Rat in-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga (*a fol.* 330) fejn il-Qorti giet infurmata li l-Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success.

Semghet, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2018 (*a fol.* 338), lid-difiza tiddikjara li ma kellhiex aktar xhieda xi tressaq f'dan il-kaz u b'hekk ghalqet il-provi taghha b'mod definittiv.

Rat in-Nota tal-Prosekuzzjoni pprezentata fid-19 ta' Dicembru 2018 (*a fol.* 339) fejn il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li kienet qed tirrimetti ruhha ghall-provi migjuba quddiem il-Qorti.

Semghet, fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2019, is-sottmissjonijiet finali bil-fomm tad-difiza (*a fol.* 342).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehed **PS 1174 Adrian Sciberras** (*a fol.* 41 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien prezenti meta l-imputat irrilaxxa l-istqarrija li hija mmarkata bhala Dok. "PG 2" (*a fol.* 19 *et seq.*). Meta gie muri Dok. "PG 1" (*a fol.* 14 *et seq.*) qal li dawn huma kopji ta' ricevuti li ghamel hu lill-imputat u jispjega kull ricevuta x'inhi.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-oggetti li jsiru riferenza ghalihom fir-ricevuti gew konfiskati minn PS 891 u PC 760 li hadu l-oggetti in kwistjoni l-ufficcju.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehed ukoll **l-iSpizjar Mario Mifsud**[2] (*a fol.* 45 *et seq.*) fejn xehed fuq ir-rapport redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "MM" (*Envelope loose*), f'liema rapport l-iSpizjar wasal ghall-numru ta' konkluzjonijiet.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehed ukoll **PS 659 Jeffrey Hughes** (*a fol.* 47 *et seq.*) fejn gabar l-ezebiti li gew prezentati mill-iSpizjar Mario Mifsud sabiex ikun jista' jezaminhom ghall-impronti digitali.

**PS 659 Jeffrey Hughes** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2011 (*a fol.* 79 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella bhala espert tal-impronti digitali fl-Inkjesta dwar sejba go fond fi Triq F.S. Caruana, Msida ta' sustanza suspettata droga u oggetti relatati. Spjega li ezamina d-dokumenti in kwistjoni, minn fejn gew elevati diversi impronti digitali. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "JH" (*Loose Envelope*).

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehed ukoll **PS 579 Antoine Micallef** (*a fol.* 49 *et seq.*) fejn qal li fid-19 ta' Lulju 2011 ghall-habta tal-11.30am mar jassisti lil membri ohra tad-*Drug Squad* gewwa fond li jinsab fi Triq F.S. Caruana, Msida fejn PS 891, PC 760 u WPC 23 kellhom zewg persuni arrestati u li kienu sabu xi ammont suspettat li kien droga. Jixhed li waqt li kien fil-kamra tas-sodda flimkien

[2] L-iSpizjar Mario Mifsud kien diga xehed fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2011 pero' id-depozizzjoni tieghu ma gietx registrata (*a fol.* 13).

mal-imputat u PC 760, l-imputat staqsa lil PC 760 xi tghid l-ligi tan-*narcotics* dwar id-droga sintetika, fejn PC 760 dar fuqu u staqsa lilu (lil PS 579) u li hu (PS 579) wiegbu li ma kienx jaf ezatt. Jghid li sadanitant marru tal-forensika u elevaw flus u ammont sostanzjali ta' affarijiet suspettati li kienu droga.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011, xehdet ukoll **WPC 23 Geraldine Buttigieg** (*a fol.* 51 *et seq.*) fejn spjegat li fid-19 ta' Gunju 2011 kellha mandat f'isem Gareth Lee Schembri li skond informazzjoni li kellha l-Pulizija kien qed jaghmel uzu minn Volkswagen Polo bajda bin-numru ta' registrazzjoni BBR 376. Tghid li waqt il-hin tal-osservazzjoni, il-Pulizija nnutat lill-imputat hiereg minn residenza fi Triq F.S. Caruana, Msida fejn dan kien ser jaghmel uzu mill-vettura msemmija u li gie mwaqqaf ftit boghod mir-residenza. Tghid li minn tfittxija li saret fil-vettura, instab *taser*, CD *cover* bi tracci ta' trab abjad. Tispjega li minn hemm baqghu sejrin fir-residenza msemmija fejn hi flimkien ma' PS 891 bdew jaghmlu tfittxija fil-kcina fejn gie elevat *mobile*, *pen drive* u landa b'bicciet kannella suspettati *cannabis*. Tghid li gew elevati wkoll zewg *laptops* u *computer tower* fejn minn hemm l-imputat ittiehed id-Depot ghall-aktar investigazzjoni.

**WPC 23 Geraldine Buttigieg** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-11 ta' Settembru 2012 (*a fol.* 158 *et seq.*) fejn xehdet fuq l-istess linji li xehdet fuqhom fis-seduta tal-31 ta' Awwissu 2011 ghajr ghall-fatt li ndikat li d-data kienet dik tad-19 ta' Lulju 2011. Minn tfittxija li saret fuq l-imputat nstab li kellu xi pakkett bi trab abjad suspettat droga, *taser*, CD, kaxxa tas-CD b'xi tracci fuqha. Meta marru jaghmlu tfittxija fir-residenza fi Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, kien hemm Gareth Lee rieqed li gie mqajjem u saret tfittxija fil-kamra fejn kien hemm Gareth. Spjegat x'gie elevat mir-residenza. Tghid li mentri Brian Sammut kien qed isuq il-vettura u mbaghad gie mwaqqaf, Gareth Lee kien rieqed fir-residenza.

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2011, xehdu **PS 644 Evan Camilleri** u **PS 186 Kristian Mintoff** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn spjegaw li fid-19 ta' Lulju 2011 gew nominati mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella bhala *Scene of the Crime Officers* meta gewwa fond fi

Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida nstabu sustanza suspettata droga u oggetti relatati maghha. Jghid li marru fil-fond, fejn hadu ritratti u fejn elevaw l-oggetti li kienu gew indikati lilhom mill-membri tad-*Drug Squad*, liema oggetti gew mghoddija lill-iSpizjar Mario Mifsud. Ezebew ir-rapport taghhom, liema rapport gie mmarkat bhala Dok. "IC/CK" (*a fol.* 70 *et seq.*; faxxikolu tar-ritratti – *Envelope loose*).

Illi, fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2011, xehed ukoll **PC 760 Christopher Saliba** (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn qal li fid-19 ta' Lulju 2011 kellhom jezegixxu Mandat ta' Arrest u Tfittxija ta' Gareth Lee Schembri fejn mill-informazzjoni li kellha l-Pulizija, l-imsemmi Schembri kien qed jaghmel uzu minn vettura Volkswagen Polo ta' kulur abjad bin-numru ta' registrazzjoni BBR 376. Jixhed li, wara hin ta' osservazzjoni fi Triq Victor Denaro, Msida li tigi kantuniera ma' Triq F.S. Caruana, gie nnutat l-imputat riesaq lejn din il-vettura, dahal fiha u saq fid-direzzjoni tal-Msida. Jghid li l-vettura giet mwaqqfa diversi metri l-boghod, fejn saret tfittxija fuq l-imputat fejn fil-but tas-*shorts* tan-naha tax-xellug sab *sachet* trasparenti bi kristalli go fih suspettata droga *mephedrone*. Jghid li tkompliet it-tfittxija fejn instab ukoll CD *box* vojta b'xi tracci bojod fuqha. Jghid li minn hemm marru jaghmlu tfittxija gewwa r-residenza fejn hadhom l-imputat, liema residenza tinsab fi Triq F.S. Caruana, Msida. Jghid li fil-kamra tas-sodda kien hemm persuna rieqda li huwa (PC 760) mar iqajjimha u din il-persuna qaltlu li kienet Gareth Lee Schembri. Jispjega li minn tfittxija li saret fil-kamra fejn kien rieqed Schembri, sab bicca blokka kannella suspettata raza tal-*cannabis*. Jghid li minn tfittxija fil-gallarija li taghti fuq wara tal-*flat* kien hemm *garbage bin* fejn sab tliet pakketti vojta b'xi tracci bojod fuqhom. Jghid li ftit tal-hin wara PS 891 infurmah li kien beda tfittxija fil-kamra tas-sodda fejn hadu l-imputat. Jixhed: *"Jiena hemm hekk indikali li kien hemm safe u f'dan is-safe kien hemm xi affarijiet relatati ma' droga u suspettati droga"* (*a fol.* 84). Jghid li gewwa l-gwardarobba nstab flixkun likwidu go fih kif ukoll flus kontanti go l-istess *safe*. Jispjega wkoll li minn tfittxija li saret fuq gradenza fejn it-televizjoni kien hemm bott tac-*chewing gum* u go fih kien hemm bicca suspettata raza tal-*cannabis* u anke suspettat *grass*. Jghid li minn gol-ewwel kexxun eleva *sim card*, *pen drive* ta' kulur iswed, diversi kaxxi tan-nuccalijiet u anke xi *stereo pockets* fejn go fihom kien hemm ammont ta' flus kontanti u anke xi pilloli kulur roza bil-

marka tal-kukkudrill fuqhom. Jghid li eleva wkoll tliet pipetti zghar u anke *mobile phones*. Jghid li dawn l-affarijiet relatati ma' droga gew kollha ffotografati minn PS 186 u PS 644 tas-SOCOS, li gew elevati minn naha taghhom. Jispjega li affarijiet ohra bhal *mobile phones*, *sim cards*, u *pen drive* gew mghoddija lill-iSpettur Pierre Grech. Ra r-ritratti li jiffurmaw parti minn Dok. "IC/CK" (*Envelope Loose*) u identifika dak li semma fid-depozizzjoni tieghu. Jghid li hu ma ghamilx tfittxija fil-kcina pero' jghid li kien biss prezenti.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2011, xehed **Joseph Mallia** (*a fol.* 95) fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JM" (*Envelope Loose*), f'liema rapport wasal ghal numru ta' konkluzjonijiet.

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Novembru 2011, xehed **Brian Farrugia** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 97 *et seq.*) fejn spjega li minn ricerka li ghamel irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBR 376 hija vettura tal-ghamla Volkwagen Polo ta' kulur abjad u li kienet ilha registrata mill-11 ta' Awwissu 2010 f'isem Anthony Sammut, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 710447(M)). Ezebixxa d-dokumentazzjoni li xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "BF" (*a fol.* 99 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Jannar 2012, xehed **PS 891 Oscar Baldacchino**[3] (*a fol.* 110 *et seq.*) fejn qal li flimkien ma' PC 760 Christopher Saliba u WPC 23 Geraldine Buttigieg waqqaf lill-imputat gewwa l-Msida meta kien fil-vettura Volkwagen Polo bin-numru ta' registrazzjoni BBR 376. Jghid li fuq l-imputat instab *sachet* bi trab abjad u fil-vettura nstabet CD bi tracci bojod fuqha. Jghid li meta kien fir-residenza li tinsab fi Triq F.S. Caruana, Msida, l-imputat wrieh *safe* li kellu fil-gwardarobba u li l-imputat tah il-*code* ta' dan is-*safe*. Jghid fis-*safe* kien hemm diversi bicciet tal-*cannabis* resin imkebba fil-*foil*. Jghid li kien hemm ukoll sustanza bajda u diversi ammont ta' flus. Jixhed li fil-gwardarobba kien hemm flixkun tad-droga likwidu u li sussegwentement komplew it-tfittxija gewwa l-gradenza fejn go diversi *pouches* u *pockets* kien hemm

[3] PS 891 Oscar Baldacchino kien diga xehed fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2011 pero' id-depozizzjoni tieghu ma gietx registrata (*a fol.* 13).

diversi ammonti ta' droga u flus, *electronic scales*, pilloli *ecstasy* bil-kukkudrill fuqhom li l-imputat stess beda jirrimarkalu li kellu dawn l-oggetti fil-pussess tieghu u li l-ammont globali tal-flus kien ta' madwar €4200. Jghid li gie nfurmat l-iSpettur Pierre Grech u li fuq il-post irrikorrew is-SOCOS.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kellhom mandat ghall-persuna ohra u mhux ghal Brian Sammut. Mistoqsi jghid jekk din il-persuna kinitx tghix fl-istess post li kien jghix Brian Sammut, wiegeb fl-affermattiv. Ghad-domanda jekk il-vettura Polo kinitx ta' Brian Sammut jew tal-persuna l-ohra, wiegeb li kienet ta' Sammut. Jghid li l-persuna l-ohra kienet instabet rieqda fir-residenza u li minn tfittxija li saret fuqha kien instab bicca resin tal-*cannabis*. Ghad-domanda ghala waqqfu lill-imputat meta kien fil-vettura meta huma ma kellhomx mandat ghalih, qal li l-informazzjoni li kellhom kienet li Gareth Lee Schembri kien jaghmel uzu mill-vettura msemmija. Jghid li ma kienux jafu min hu Gareth Schembri u Brian Sammut. Jghid li twaqqaf Sammut ghax kien qed isuq il-vettura fejn instabet CD bi tracci. Jispjega li l-kamra fejn kien rieqed Gareth Lee kienet miftuha u ghad-domanda jekk kinitx il-kamra fejn kienet id-droga, wiegeb fin-negattiv u specifika li l-kamra fejn instabet id-droga kienet kamra msakkra u li Brian Sammut kellu access ghac-cavetta tant li huma dahlu bic-cavetta li kienet ma' cwievet ohra biex dahlu fl-appartament. Mistoqsi jghid jekk ic-cwievet ta' l-iehor rawhomx, wiegeb: *"Ma kellux cavetta tal-kamra tieghu"* (*a fol.* 114). Meta rega' gie mistoqsi jghid jekk rawhomx, wiegeb: *"Iva, iva kellu cavetta tal-appartament pero' ma kellux cavetta tal-kamra tieghu"* (*a fol.* 114).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2012, xehed il-**Perit Valerio Schembri** (*a fol.* 131) fejn spjega li kien gie nkarigat biex jaghmel access fuq il-post li gie ndikat lilu mill-Ufficjal Prosekutur u sabiex ikejjel *ai fini* ta' distanza tal-mitt metru. Jghid li l-iskola ma taqax fid-distanza msemmija. Ezebixxa r-relazzjoni tieghu li giet immarkata bhala Dok. "VS" (*a fol.* 133 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Anthony Sammut** (*a fol.* 143) fejn ghazel li ma jixhidx *stante* li l-imputat huwa ibnu.

Illi, fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Pierre Grech**[4] (*a fol.* 150 *et seq.*) fejn spjega li fid-19 ta' Lulju 2011 ghall-habta tal-11.30am, Pulizija tad-*Drug Squad* ezegew mandat f'isem Gareth Schembri. Jghid li l-Pulizija marru fl-indirizz indikat fil-mandat u cioé Flat 17, Sancho Panza Flats, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida. Jghid li din ir-residenza kienet kemm ta' l-imputat u kif ukoll ta' Schembri. Spjega li l-imputat minn jeddu qal lill-Pulizija meta kienu fuq il-post fejn kien izomm id-droga. Jghid li minn tfittxija li ghamlu l-Pulizija in segwitu ta' dak li qal l-imputat, instab ammont ta' *cannabis resin* li kien imqatta' gewwa *foil* u zewg *sachets* li kienu jikkontjenu kull wahda trab bajdani. Jghid li nstabu wkoll diversi *sachets* li kien jidher li kienu jikkontjenu *cannabis grass* jew suspettata *cannabis grass*, mizien elettroniku zghir, madwar €4255 fi flus kontanti, diversi *mobile phones, laptops,* fejn jispecifika li kien kompjuter u *iPad.* Jghid li giet infurmata l-Magistrat tal-Ghassa Dr. Gabriella Vella li ordnat li tinfetah Inkjesta Magisterjali fejn appuntat diversi esperti. Jghid li l-oggetti msemmija gew elevati u li kemm l-imputat u kif ukoll Schembri gew arrestati. Jghid li l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet (Dok. "PG 2" – *a fol.* 19 *et seq.* u Dok. "PG 3" – *a fol.* 22 *et seq.*) u li sussegwentement kien tressaq il-Qorti.

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Pierre Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 247 *et seq.*) fejn ezebixxa sentenza moghtija kontra l-imputat mill-Magistrat Dr. Saviour Demicoli fit-12 ta' Gunju 2008, liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "PG 2" (*a fol.* 249 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2012, xehed **Dr. Martin Bajada** (*a fol.* 166) fejn talab kjarifika mill-Qorti.

**Dr. Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Frar 2013 (*a fol.* 185 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat bhala espert fl-Inkjesta Magisterjali mmexxija mill-Magistrat Inkwirenti Dr. Gabriella Vella. Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MB" (*Envelope Loose*).

[4] L-iSpettur Pierre Grech kien diga xehed fis-seduta tas-26 ta' Lulju 2011 pero' id-depozizzjoni tieghu ma gietx registrata (*a fol.* 13). Mill-verbal tas-seduta tas-26 ta' Lulju 2011 (*a fol.* 13) jirrizulta li waqt id-depozizzjoni moghtija mill-iSpettur Pierre Grech fl-imsemmija seduta, l-iSpettur Grech ipprezenta diversi affarijiet.

**Dr. Martin Bajada** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 196 *et seq.*) fejn spjega li l-inkarigu tieghu kien gie estiz minn din il-Qorti kif diversament preseduta (*a fol.* 189). Ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "MBX" (*a fol.* 198 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2013, xehed **Gareth Lee Schembri** (*a fol.* 171) fejn ghazel li ma jixhidx *stante* li kien ghad hemm pendenti kontra proceduri kriminali.

**Gareth Lee Schembri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-14 ta' Frar 2013 (*a fol.* 187 *et seq.*) fejn ghal darba ohra ghazel li ma jixhidx *stante* li kien ghad hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali.

**Gareth Lee Schembri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2014 (*a fol.* 237 *et seq.*) fejn qal li ma kellux kawzi kriminali pendenti kontra tieghu.

**Gareth Lee Schembri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 243 *et seq.*) fejn spjega li kien iggieled ma' ommu, telaq mid-dar u sab lill-imputat li offrielu fejn jorqod f'post fl-Msida. Jghid li, darba fost l-ohrajn, waqt li kien rieqed gie mqajjem mill-Pulizija li sab li kienu fil-flat. Jghid li gie nfurmat mill-Pulizija li kienu ser jaghmlu tfittxija u lilu zammewh fil-kamra u li min ghalih li hadu lill-imputat gol-kcina. Jghid li waqt li kienet qed issir tfittxija fuqu (fuq Schembri), gol-but tal-qalziet tieghu nstabet rezina tal-*cannabis*. Jghid li l-ammont kien wiehed zghir. Jghid li tkompliet tfittxija fil-kamra kollha u li gie arrestat u gie mehud id-Depot. Jghid li gie mressaq il-Qortti minhabba r-rezina tal-*cannabis*. Jghid li wehel *conditional discharge*.

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015, xehdet l-**Ufficjal tal-*Probation* Sharlet Fabri** (*a fol.* 266 *et seq.*) fejn qalet li ilha ssegwi lill-imputat fuq Ordni ta' *Probation* mit-2 ta' April 2013 u li l-imputat sejjer tajjeb hafna. Tghid li l-imputat dejjem kellu attendenza regolari u li l-*urine samples* tieghu kienu dejjem *clean*. Tiddeskrivi lill-imputat bhala persuna biezla hafna – li ghandu impieg *full-time* u f'kaz li naqas ix-xoghol, sab impieg *part-time*. Tghid li l-imputat jippjana

hafna. Tixhed li l-imputat jahdem ma' kumpanija tal-*aluminium* u li hi m'ghandhiex affarijiet negattivi xi tghid fil-konfront tieghu.

**L-Ufficjal tal-*Probation* Sharlet Fabri** regghet hadet il-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016 (*a fol.* 296 *et seq.*) fejn, fost l-ohrajn, qalet li saret taf lill-imputat in segwitu ta' Ordni ta' *Probation* ta' tliet snin li l-imputat gie moghti fit-2 ta' April 2013, liema Ordni nghatat minhabba pussess tal-imputat ta' diversi tipi ta' droga. Tikkonferma li qabel is-sena 2013 l-imputat kellu l-problema ta' droga. Tghid li l-imputat ghamel hiltu u qed jahdem sew fir-rigward tal-problema tieghu. Tikkunsidra lill-imputat bhala kandidat ideali sabiex jigi applikat fil-konfront tieghu l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016, xehed **Reuben Degabriele** (*facilitator* tal-Caritas – *a fol.* 298 *et seq.*) li spjega li mir-*records* li ghandhom huma jirrizulta li l-ewwel kuntatt li l-imputat kellu mal-Caritas kien sar fis-sena 2006 fejn l-imputat attenda l-Caritas sas-sena 2011, f'liema zmien jghid li l-imputat kellu problema tad-droga, imbaghad rega' mar fis-sena 2016. Mistoqsi jghid jekk illum il-gurnata l-imputat huwiex *clean* u jekk hux qed jahdem, wiegeb: *"Fil-fatt ghamel minn Gunju ta' din is-sena [2016] sa Settembru jigi. Kont jien stess li hassejt li m'ghandux ghalfejn jigi ghax dan ghamel tliet xhur jattendi u kien kollox qieghed tajjeb u tterminajnieh"* (*a fol.* 298).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2016, id-difiza ezebit is-segwenti dokumenti:

- stqarrija (Dok. "GDM 1" – *a fol.* 300 *et seq.*) rilaxxata mill-imputat fil-11 ta' Mejju 2008;
- dokument (Dok. "GDM 2" – *a fol.* 302) rilaxxat minn Rosette Said Sareo (*Foundation for the Rehabilitation of Drug Abusers*); u
- dokument rilaxxat mis-*Substance Misuse Treatment Unit* (Dok. "GDM 3" – *a fol.* 303 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2018, xehdet **Joanne Buhagiar Fiott** (*a fol.* 332 *et seq.*) fejn ikkonfermat in-Nota tal-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga (*a fol.* 330), f'liema Nota l-Bord informa lill-Qorti li l-Bord kien sodisfatt bil-process ta'

riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JBF 1" (*a fol.* 333).

Illi, fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2018, xehdet **Maria Ruth Ciantar** (in rapprezentanza tar-Registratur Qrati u Tribunali Kriminali – *a fol.* 335 *et seq.*) fejn infurmat lill-Qorti li l-unika kawza li l-imputat ghandu pendenti hija dik odjerna. Ezebiet dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MRC 1" (*a fol.* 337).

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet, wahda fid-19 ta' Lulju 2011 (Dok. "PG 2" – *a fol.* 19 *et seq.*) u ohra fl-20 ta' Lulju 2011 (Dok. "PG 3" – *a fol.* 22 *et seq.*), liema stqarrijiet gew iffirmati minnu fejn l-imputat prattikament ma wiegeb ghall-ebda domanda stante li qal li ma kellux avukat prezenti fejnu. Fil-bidu tal-ewwel stqarrija qal: *"Jiena ghandi problema tad-droga, u miniex inhossni f'sikti u qabel m'hu se jkun hawn l-avukat prezenti fejni, jien m'hu se nwiegeb ghalxejn"* (*a fol.* 20). Qal li t-tabib ma setghax ifejqu u ghad-domanda: *"Jigifieri qed nifhmek sew li l-problema li ghandek hija wahda ta' droga u mhux li jien ma nistax inkellmek bhalissa?"* (*a fol.* 20), wiegeb: *"Le, it-tabib ghalxejn"* (*a fol.* 20).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-**

**Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi mill-atti processwali jirrizulta li fid-19 ta' Lulju 2011 il-Pulizija mill-Iskwadra ta' kontra d-Drogi marru biex jezegwixxu mandat fil-konfront ta' certu Gareth Lee Schembri fir-residenza Flat 17, Sancho Panza, Triq l-Isqof F.S. Caruana, Msida, f'liema residenza jinghad li kien jghix kemm l-imsemmi Schembri u kif ukoll l-imputat. Jirrizulta li minn tfittxija li ghamlu l-Pulizija in segwitu ta' dak li qal l-imputat instabu, fost l-ohrajn, id-droga u diversi affarijiet relatati maghha. Irrizulta li mentri Gareth Lee Schembri kellu l-kamra tas-sodda tieghu miftuha, il-kamra fejn instabet id-droga kienet msakkra u li l-imputat kellu access ghac-cavetta tal-bieb tal-kamra in kwistjoni.

Illi eventwalment gew intavolati l-proceduri odjerni fil-konfront tal-imputat u l-imputat gie akkuzat bis-segwenti: b'pussess aggravat tar-raza tal-*cannabis*, tal-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, ta' *ecstasy*, u ta' *mephedrone* u gie akkuzat ukoll li sar recidiv. Gie addebitat ukoll fil-konfront tal-imputat l-aggravju komunement maghruf bhala dak tal-mitt metru. Kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiza rrimettew ruhhom ghal dak li jirrizulta mill-atti processwali.

Illi, qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet *per se* addebitati fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hija tal-fehma li jkun opportun li taghmel riferenza ghal dak mitlub mid-difiza fis-sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 342) fejn intalab li l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat jigu skartati minhabba li l-imputat ma kienx provdut bl-assistenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat irrilaxxa zewg stqarrijiet, wahda fid-19 ta' Lulju 2011 (Dok. "PG 2" – *a fol.* 19 *et seq.*) u ohra fl-20 ta' Lulju 2011 (Dok. "PG 3" – *a fol.* 22 *et seq.*). Il-Qorti tinnota li dawn iz-zewg stqarrijiet (inkluz ix-xiehda tal-Ufficjal Prosekutur in kwantu din tirreferi ghal dak li stqarr l-imputat waqt l-investigazzjoni) ser jigu skartati u dana peress li minkejja li d-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010 (u cioé qabel l-imputat irrilaxxa l-istqarrijiet tieghu), u minkejja li l-imputat inghata dan id-dritt, jirrizulta li l-imputat ma kellux avukat prezenti mieghu waqt it-tehid ta' tali stqarrija u dana *stante* li dan ma kienx possibbli meta ttiehdu l-istqarrijiet in kwistjoni. Dan qieghed jinghad in segwitu ta' dak li gie deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Dicembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Aldo Pistella**.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex tikkunsidra l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat**
**L-Ewwel (1) Imputazzjoni sar-Raba' (4) Imputazzjoni –**
**(Pussess Aggravat tar-Raza Mehuda mill-Pjanta *Cannabis*)**
**(Pussess Aggravat tal-Pjanta *Cannabis* Kollha jew Bicca Minnha)**
**(Pussess Aggravat ta' *Ecstasy*)**
**(Pussess Aggravat ta' *Mephedrone*)**:

Illi taht l-ewwel erba' imputazzjonijiet l-imputat qed jigi akkuzat b'pussess aggravat kif hawn fuq imsemmi. Il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Marius Magri** deciza fit-12 ta' Mejju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kinitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-Prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, *ossia* cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga jkun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].)
>
> Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-Gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-Gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi *hard and fast rule* x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assiem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-Gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-Gudikant tkun perfettament raggungibbli

bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzjoni possibbli. (App. Krim. **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** [23.5.2002])".

Illi fis-sentenza taghha tat-18 ta' Awwissu 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Stephen Abela**, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet hekk:

"Li stabbilit li kull kaz irid ikun studjat ghalih, kif ukoll li ndizju wiehed hu bizzejjed biex il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-pussess ikun wiehed aggravat, il-Qorti pero` trid tkun sodisfatta mill-provi migjuba li dawn iwasslu ghal din il-konkluzjoni. Meta l-ammont ma jkunx wiehed li normalment jassocja ma' uzu esklussiv da parti tal-possessur, ikun jispetta lill-imputat, imqar fuq bazi ta' probabbilta`, li jipprova li dak kien ghall-uzu esklussiv tieghu w dan bl-applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101".

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-2 ta' Settembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia**, fejn il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

"Jekk tigi ppruvata, mic-cirkostanzi, tali intenzjoni [l-*animus* li jispacca d-droga] allura certament dak il-pussess ma jkunx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur. Izda tali intenzjoni <u>mhix mehtiega</u> ghall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali *"li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati"*. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga <u>li mhix bi hsiebha tuza</u>, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga *ossia* jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-

droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha".

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Mifsud**, deciza fis-27 ta' Ottubru 2010, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Dwar il-pussess aggravat tajjeb hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mohammed Ben Hassen Trabelsi** tas-17 ta' Frar 1997 dwar kif il-kwistjoni ta' jekk ammont ta' droga jkunx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputat *o meno* ghandha tigi ezaminata: *"l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` l-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-Prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu ekskluzziv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu eskluzziv tieghu, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 26(1) tal-Kap. 101""*.

Illi l-atti processwali jikkontjenu s-segwenti:

- L-Ufficjal Prosekutur l-iSpettur Pierre Grech spjega, fost l-ohrajn, x'instab minn tfittxija li ghamlu l-Pulizija fil-fond in kwistjoni.

- PS 579 Antoine Micallef qal li meta fid-19 ta' Lulju 2011 mar go fond li jinsab fi Triq F.S. Caruana, Msida fejn assista membri ohra tal-iSkwadra ta' Kontra d-Drogi nstabu flus u ammont sostanzjali ta' affarijiet suspettati li kienu droga, li gew elevati.

- WPC 23 Geraldine Buttigieg spjegat kif fid-19 ta' Lulju 2011 waqt li kienet qed issir osservazzjoni, il-Pulizija nnutat lill-imputat hiereg minn residenza fi Triq F.S. Caruana, Msida fejn mar biex jaghmel uzu minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBR 376 u li gie mwaqqaf ftit boghod mir-

residenza. Tispjega li minn tfittxija fuq l-imputat nstab li kellu xi pakkett bi trab abjad suspettat droga, *taser*, CD, kaxxa tas-CD b'xi tracci fuqha. Spjegat ukoll li baqghu sejrin fir-residenza msemmija fejn hi flimkien ma' PS 891 bdew jaghmlu tfittxija fil-kcina fejn gie elevat *mobile*, *pen drive* u landa b'bicciet kannella suspettati *cannabis*. Tghid li gew elevati wkoll zewg *laptops* u *computer tower* fejn minn hemm l-imputat ittiehed id-Depot ghall-aktar investigazzjoni.

- PC 760 Christopher Saliba spjega li meta l-imputat gie mwaqqaf, wara li gie nnutat diehel fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBR 376, minn tfittxija li saret fuqu rrizulta li fil-but tas-*shorts* tan-naha tax-xellug sab *sachet* trasparenti bi kristalli go fih suspettata droga *mephedrone*. Spjega wkoll li meta tkompliet it-tfittxija nstab ukoll CD *box* vojta b'xi tracci bojod fuqha. Kompla jispjega x'instab fir-residenza tal-imputat fejn, fost l-ohrajn, gie ndikat lilu li kien hemm *safe*, f'liema *safe* kien hemm xi affarijiet relatati ma' droga u suspettati droga. Tul id-depozizzjoni tieghu kompla jispjega x'instab fil-kamra tas-sodda tal-imputat u x'gie elevat.

- PS 891 Oscar Baldacchino jghid li kien flimkien ma' WPC 23 Geraldine Buttigieg u PC 760 Christopher Saliba meta l-imputat gie mwaqqaf fil-hin li kien fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBR 376. Huwa xehed fuq l-istess linji li xehdu fuqhom WPC 23 u PC 760 rigward dak li nstab fuq l-imputat u fil-vettura in kwistjoni. Spjega wkoll li meta kien fir-residenza li tinsab fi Triq F.S. Caruana, Msida, l-imputat wrieh *safe* li kellu fil-gwardarobba fejn l-imputat tah il-*code* ta' dan is-*safe* f'liema *safe* irrizulta li kien hemm diversi bicciet tal-*cannabis* rezin imkebba fil-*foil*. Jghid li kien hemm ukoll sustanza bajda u diversi ammonti ta' flus. Tul id-depozizzjoni tieghu spjega f'aktar dettal x'instab (fosthom, mwiezen elettronici u pilloli *ecstasy*, likwidu go flixkun, ammont ta' flus) u x'gie elevat.

  In kontro-ezami specifika li mentri l-kamra fejn kien rieqed Gareth Lee kienet miftuha, il-kamra fejn instabet id-droga kienet msakkra u li l-imputat kellu access ghac-cavetta tal-bieb

tal-kamra tant li huma dahlu bic-cavetta li kienet ma' cwievet ohra biex dahlu fl-appartament.

- Gareth Lee Schembri spjega kif wara li ggieled ma' ommu u telaq mid-dar, l-imputat offrielu fejn jorqod f'post fl-Msida. Jghid li minn tfittxija li saret fuqu (fuq Schembri), gol-but tal-qalziet tieghu nstabet rezina tal-*cannabis* u li l-ammont kien wiehed zghir.

- Ir-rapprezentant ta' Transport Malta, Brian Farrugia xehed dwar dokumentazzjoni (Dok. "BF" – *a fol.* 99 *et seq.*) minn liema jirrizulta li vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBR 376 kienet ilha registrata mill-11 ta' Awwissu 2010 f'isem Anthony Sammut, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 710447(M)).

- Fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. "JM" (*Envelope Loose*), Joseph Mallia wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

  - *"Illi l-impronta dokument 11 BXC N 1 taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Brian Sammut, li joqghod fil-fond "Dar il-Hena", Triq Villambrosa, Hamrun, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 370588M.*

    ***[…]***

  - *Illi l-impronta dokument 11 BXC SG 2, taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Brian Sammut, li joqghod fil-fond "Dar il-Hena", Triq Villambrosa, Hamrun, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 370588M.*

  - *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher fuq ritratt dokument 11 BXC SG 7, taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-werrej tal-id il-leminija ta' Brian Sammut, li joqghod fil-fond "Dar il-Hena", Triq Villambrosa, Hamrun, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 370588M.*

    *[…]*

- *Illi l-ewwel (1) impronta li tidher fir-ritratt dokument 11 BXC SG 22, taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Brian Sammut li joqghod fil-fond "Dar il-Hena", Triq Villambrosa, Hamrun, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 370588M.*

- *Illi l-impronta dokument 11 BXC SG 25, taqbel u ghalhekk hija identika mal-marka tas-saba l-kbir tal-id ix-xellugija ta' Brian Sammut, li joqghod fil-fond 'Dar il-Hena', Triq Villambrosa, Hamrun, detentur tal-Karta tal-Identita' Numru 370588M" (a fol. 55 et seq. tar-rapport).*

- Fir-rapport tieghu mmarkat bhala Dok. "MM" (*Envelope Loose*), l-iSpizjar Mario Mifsud wasal ghas-segwenti konkluzjonijiet:

  *(a) "Li ma nstabux sustanzi llegali fil-boroz tal-plastik trasparenti li kien hemm fid-dokument 188/11/01, fil-pipetta li kien hemn fid-dokument 180/11/02, il-kaxxa tas-CD u s-CD, is-sustanza kannella u z-zewg boroz li kienu kollha fid-dokument 180/11/04a, c, g, u tlett pipetti tal-plastik, il-mizien elettroniku, il-kuccarina tal-metall u l-borza bi speci ta' haxix ahdar imfarrak li kienu kollha fid-dokument 180/11/10c, f, h, k;*

  *(b) Li l-likwidu trasparenti li kien hemm go flixkun tal-plastik, f'ammont ta' 940 ml, u zewg kontenituri tal-plastik li kien hemm fid-dokument 180/11/10d, instabet fihom is-sustanza Gamma butyrolactone (GBL). Din is-sustanza mhix ikkontrollata bil-ligi;*

  *(c) Li fil-blokka ta' sustanza bajda li kien hemm fid-dokument 180/1104f, f'ammont nett totali ta' 10.81 grammi, instabet fiha s-sustanza Lidocaine. Is-sustanza Lidocaine, li hija local anaethetic, mhix ikkontrollata bil-ligi;*

  *(d) Li s-speci ta' haxix ahdar imfarrak li kien hemm f'sebgha u ghoxrin (27) borza tal-plastik fid-dokument 180/11/09, f'kaxxa u zewg boroz tal-plastik fid-dokument 180/11/10a, e, f'ammont nett totali ta' 24.91 grammi, instabet fihom is-sustanza synthetic cannabinoids (JWH-018 u JWH-024).*

*Dawn is-sustanzi li ghandhom l-istess effett bhal cannabis imma b'qawwa akbar (cirka ta' erba' darbiet aktar mill-cannabis) mhux ikkontrollati bil-ligi;*

(e) *Li fit-trab abjad li kien hemm fid-dokument 180/11/05, u t-trab abjad u t-tracci li kien hemm f'borza tal-plastik u f'kaxxa hamra li kien fid-dokument 180/11/10a, f'ammont nett totali ta' 9.29 grammi, instabet fihom is-sustanza Ketamine. Is-sustanza Ketamine li hija general anaesthetic, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti B tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(f) *Li f'borza wahda tal-plastik li kien hemm fid-dokument 180/11/04g, fil-pillola li kien hemm fid-dokument 180/11/10b u fis-sitta u tletin (36) u zewg bicciet ta' pilloli roza li kien hemm fid-dokument 180/11/10g instabet fihom is-sustanza 3,4-Methylenedioxymethamphetamine (MDMA). Is-sustanza MDMA, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(g) *Li fit-trab kristallin li kien hemm f'borza tal-plastik fid-dokument 180/11/04e u f'disa' boroz tal-plastik fid-dokument 180/11/10i, j, f'ammont nett totali ta' 4.71 grammi, instabet fihom is-sustanza Mephedrone. Is-sustanza Mephedrone, li hija central stimulant, hija kkontrollata bil-Ligi taht it-Tielet Skeda Parti A tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(h) *Li t-tabakk mas-sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 180/11/04b, f'ammont nett totali ta' 3.11 grammi, instabet fih is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), sustanza li tinsab fil-pjanta tal-cannabis. Gie ddeterminat li mhallat mat-tabakk kien hemm ir-raza tal-cannabis. Il-purita' medja ta' din it-tahlita ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol kienet ta' cirka 3.1%. Il-pjanta u r-raza tal-cannabis huma kkontrollati bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

(i) *Li l-bicca sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokument 180/1104f, iz-zewg bicciet zghar ta' sustanza*

*kannella li kien hemm fid-dokument 188/11/06, is-sitta u ghoxrin (26) bicca zghira ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 180/11/07 u l-blokka zghira ta' sustanza kannella li kien hemm fid-dokument 180/11/10e, f'ammont nett totali ta' 83.95 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), sustanza li tinstab fil-pjanta tal-cannabis. Gie iddeterminat li din is-sustanza kienet raza tal-cannabis. Il-purita' medja ta' dawn is-sustanzi ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol kienet ta' cirka 7.1%. Il-pjanta u r-raza tal-cannabis huma kkontrollati bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(j) Li s-speci ta' haxix ahdar imfarrak li kien hemm f'sebgha u tletin (37) borza tal-plastik fid-dokument 180/11/08, fil-borza tal-plastik fid-dokument 180/11/09 u fil-borza tal-plastik fid-dokument 180/11/10a, f'ammont nett totali ta' 34.09 grammi, instabet fihom is-sustanza Tetrahydrocannabinol (THC), sustanza li tinstab fil-pjanta tal-cannabis. Gie iddeterminat li dan il-haxix ahdar imfarrak kien fil-fatt weraq tal-pjanta tal-cannabis. Il-purita' medja ta' dan il-weraq ghas-sustanza Tetrahydrocannabinol kienet ta' cirka 8.2%. Il-pjanta tal-cannabis hija ikkontrollata bil-Ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*(k) Illi l-prezz bl-imnut totali tad-droga misjuba, li kienet sebgha u tletin pillola tal-MDMA, 84.95 grammi ta' raza tal-cannabis u 34.09 grammi ta' haxixa tal-cannabis, kien ta' cirka €1,1353. Dan il-prezz huwa skont it-2007 National report to the EMCDDA li gie ppubblikat mill-Malta National Focal Point. Dan ir-rapport ma jaghtix prezzijiet ghad-drogi mephedrone u ketamine, u ghaldaqstant il-prezz ta' dawn id-drogi ma gewx inkluzi fil-prezz bl-imnut totali tad-drogi misjuba" (a fol. 9 et seq.* tar-Rapport*).*

Illi, in segwitu ta' dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz il-gurisprudenza kwotata aktar-il fuq, id-depozizzjonijiet moghtija mix-xhieda prodotti f'dawn il-proceduri u kif ukoll mill-

konkluzjonijiet raggunti mill-esperti li taw id-depozizzjoni taghhom u li pprezentaw ir-rapport taghhom, mehud in konsiderazzjoni wkoll ta' dak li nstab u li gie elevat u l-ammonti ta' drogi misjuba u l-valur taghhom, il-Qorti ma ghandu jkollha l-ebda dubju li l-ewwel erba' imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

**<u>Il-Hames (5) Imputazzjoni –</u>**
**<u>(Aggravju tal-Mitt Metru)</u>**:

Illi l-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat tirrigwarda l-aggravju tal-mitt metru u dana *ai termini* tal-*proviso* ta' Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk:

> "Izda wkoll meta persuna tinsab hatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, *club* jew centru taz-zghazagh, jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu iz-zghazagh […], il-piena tizdied bi grad."

Illi fir-rapport tieghu (Dok. "VS" – *a fol.* 133 *et seq.*), il-Perit Valerio Schembri jasal ghas-segwenti konkluzjoni:

> "Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni tieghu u mill-kostatazzjonijiet li l-Perit Tekniku ghamel fuq il-post in kwistjoni, jidher illi l-iSkola Primarja gewwa Triq l-iSkola, Msida ma taqax fid-distanza ta' mitt metru (100.00m) mill-post indikat lill-esponent minn PS 891 u PC 760" (*a fol.* 137)

Illi, minghajr mal-Qorti toqghod taghmel konsiderazzjonijiet rigward il-fatt jekk l-iskola msemmija fil-konkluzjoni tar-rapport tal-Perit Valerio Schembri hijiex post *"fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh"* kif jipprovdi l-*proviso* tal-Ligi hawn fuq kwotat, il-Qorti ma jirrizultalhiex li l-hames (5) imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat mhux ser jinstab hati taghha u ghaldaqstant ser jigi liberat minnha.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni – (Recidiva)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta' Gunju 2008.

Illi l-Qorti tinnota li l-atti processwali jikkontjenu vera kopja tas-sentenza li ssir riferenza ghaliha f'din l-imputazzjoni, liema sentenza tinsab immarkata bhala Dok. "PG 2" (*a fol.* 249 *et seq.*), minn liema dokument jirrizulta li l-konnotati kollha tal-imputat imsemmi fih huma identici (ghajr ghall-indirizz residenzjali) ghal dak tal-imputat fil-kawza odjerna u ghalhekk m'ghandux ikun hemm dubju li din is-sentenza giet moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. Jirrizulta li minn Dok. "PG 2" (*a fol.* 249 *et seq.*) li fit-12 ta' Gunju 2008 l-imputat gie kkundannat ihallas multa. Ma giex pruvat jekk din il-multa gietx imhallsa jew inkella gietx konvertita fi prigunerija u b'hekk ma jirrizultax li l-piena giet skontata skond kif jirrikjedi Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan qieghed jinghad in vista ta' dak li gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Said** deciza fl-10 ta' Lulju 2015, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali sahqet is-segwenti:

> "B'danakollu, id-diċitura tal-Artikolu 50 ma jidhirx li jħalli alternattiva lill-Qorti ħlief li tagħti lill-kliem tal-istess artikolu t-tifsira naturali tiegħu u ċioé li t-termini preskritti fl-Artikolu 50 għall-finijiet tal-awment tal-piena jiskattaw meta l-ewwel sentenza tkun giet **skontata**. Peress li s-sentenza ma tistax titqies skontata jekk il-multa ma tkunx ġiet mħallsa, jew konvertita fi priġunerija li tiġi skontata, allura fil-każ li ma jirriżultax li l-piena tal-multa tkun ġiet imħallsa l-awment fil-piena minħabba r-reċidiva ma japplikax. Għalhekk il-Qorti tikkonkludi li ma setax isir awment fil-piena minħabba reċidiva fuq l-iskorta tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2008 peress li ma jirriżultax li l-piena tal-multa imposta f'dik is-sentenza kienet ġiet mħallsa jew ġie skontat xi perjodu ta' priġunerija minflok dik il-multa" [emfazi mizjuda minn din il-Qorti].

Ghaldaqstant, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota li filwaqt li ser issib lill-imputat hati tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba kontra tieghu tinnota li ser tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv biss *ai termini* ta' Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana *stante* li l-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra lill-imputat bhala recidiv *ai termini* ta' Artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat**

Illi huma l-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tal-imputat ghajr ghall-hames (5) imputazzjoni li gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati tal-imputazzjonijiet kollha ghajr ghall-hames (5) imputazzjoni.

Illi, dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef** inghad is-segwenti:

> "Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi

kollha u, a priori, jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Ghalhekk jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u *entro* dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru 2009 fil-kawza Il-**Pulizija vs. Maurice Agius** dik il-Qorti qalet hekk:

> "Huwa car [....] li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordnijiet maghmula taht l-Att dwar il-*Probation* jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-Gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioé biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-Gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-Gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioé biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perjodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni [...]; jekk ma

hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioé ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati)".

Illi, wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll is-segwenti:

- in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat li gew pruvati;

- il-fedina penali (Dok. "PG 4" – *a fol.* 10) tal-imputat;

- il-fatt li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat jirrisalu ghas-sena 2011 u ghat-trapass ta' zmien li hadet il-kawza odjerna biex tigi konkuza;

- il-fatt li, fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 265), il-Prosekuzzjoni ddikjarat li l-imputat ghandu jibbenefika minn Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta b'zewg gradi u dan peress li ghen lill-Prosekuzzjoni izjed minn darba;

- dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-Ufficjal tal-*Probation* Sharlet Fabri (*a fol.* 266 *et seq.* u *a fol.* 296 *et seq.*), u kif ukoll dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-*facilitator* tal-Caritas Reuben Degabriele (*a fol.* 298 *et seq.*);

- il-fatt illi jirrizulta li l-unika kawza li l-imputat ghandu pendenti hija dik odjerna (*a fol.* 337);

- il-fatt li jirrizulta li l-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga nforma lill-Qorti li l-imsemmi Bord kien sodisfatt bil-process ta' riabilitazzjoni tal-imputat li ntemm b'success (*a fol.* 330);

- meta nghad lill-Qorti li r-riabilitazzjoni tal-imputat intemm b'success, Joanne Buhagiar Fiott ezebiet dokument li gie

mmarkat bhala Dok. "JBF 1" fejn inghad is-segwenti: *"Mr. Brian Sammut (ID 370588M) has been in contact with Caritas Community Services since May 2017. At the time he had been clean from drugs for four years. He has shown determination and motivation to remain abstinent throughout. He is very consistent and attends sessions as required. He submits urines on a regular basis and all results are negative for illicit substances. The following are the dates of urine samples submitted so far:*

*2017*
*16/5, 14/6, 22/6, 26/6, 1/7, 7/7, 19/7, 29/7, 7/8, 11/8, 24/8, 1/9, 22/9, 28/9, 10/10, 27/10, 3/11, 10/11, 17/11, 24/11, 1/12, 15/12, 21/12*

*2018*
*11/1, 26/1, 2/2, 8/2, 22/2, 26/2, 1/3, 9/3, 16/3, 23/3, 29/3. Mr. Sammut was unwell throughout the first week of January 2018 and presented a doctor's certificate. It is recommended that he is released from our services"* (*a fol.* 333).

Illi l-Qorti tinnota li ser tapplika Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta fiz-zewg gradi, u dana in segwitu ta' dak dikjarat mill-Prosekuzzjoni kif hawn fuq imsemmi, u, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, inkluz ta' dak li nghad fid-Digriet moghti fil-15 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 309 *et seq.*) fejn il-Qorti laqghet it-talba tad-difiza sabiex din il-Qorti tigi konvertita f'Qorti dwar id-Droga, u tenut kont tal-atti probatorji rizultanti f'dan il-kaz, il-Qorti hija tal-fehma illi ghandu jigi applikat l-proviso ta' l-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u cioé illi la darba hija sodisfatta fuq bilanc ta' probabbilitajiet illi r-reati li dwarhom l-imputat qed jinstab hati kienu principalment attribwibbli ghad-dipendenza tieghu fuq id-droga, il-Qorti ser tieqaf milli tapplika t-terminu minimu mandatorju ta' prigunerija jew l-eskluzjoni tal-applikazzjoni tal-ordni ta' *probation* jew tas-sospensjoni tat-terminu ta' prigunerija.

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa u ghall-piena ta' prigunerija t-terminu ta' liema ser ikun sospiz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li

ma ssibx lill-imputat hati tal-hames (5) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnha,

wara li rat:

Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,
Taqsimiet IV u VI, Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u Taqsima A tat-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta,

Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22 tas-sena 1985,

u

Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta u b'mod partikolari l-proviso tas-sub-Artikolu (7) tal-istess Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta,

issib lill-imputat Brian Sammut hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba' (4) u tas-sitt (6) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' seba' mija u hamsin Euro (€750) u ghall-perijodu ta' tnax-il (12) xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Sammut sabiex fi zmien sena millum ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri u cioé is-somma ta' sitt'elef Euro u erbgha u sebghin centezmu (€6000.74).[5]

[5] PS 644 Evan Camilleri u PS 186 Kristian Mintoff (Dok. "IC/CK" – *a fol.* 77) (€344.45); Perit Valerio Schembri (Dok. "VS" – *a fol.* 138) (€956.37); Dr. Martin Bajada (Dok. "MBX" – *a fol.* 201 *tergo*) (€626.16); Spizjar Mario Mifsud (Dok. "MM" – *a fol.* 12 *tergo* tar-rapport – *Envelope Loose*) (€919.31); PS 659 Jeffrey Hughes (Dok. "JH" – *a fol.* 13 tar-rapport – *Envelope Loose*) (€701.11); Joseph Mallia (Dok. "JM"

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita (u tal-affarijiet relatati maghha) hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi Process Verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Christine Farrugia**
**Deputat Registratur**

– *a fol.* 61 tar-rapport – *Envelope Loose*) (€1567.89); Dr. Martin Bajada (Dok. "MB" – *a fol.* 7 *tergo* tar-rapport – *Envelope Loose*) (€885.45).